**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 12 – 14 ta' Diċembru 2015**

***Minuti tal-12 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru, 2015 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 10. Il-laqgha bdiet fis-6:02 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Bartolo** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |

| | |
|---|---|
| **Skużat:** | **Hadd** |
| **Assenti:** | **Hadd** |
| **Pubbliku:** | **Hadd** |

| | | |
|---|---|---|
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

## 1. Approvazzjoni u Korrezzjoni tal-Minuti

### 1.1 Approvazzjoni u Korrezzjoni tal-Minuti ta' Laqgha 10

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li ghalkemm ma kienx prezenti ghal din il-laqgha minhabba li kien imsiefer b'xoghol, dakinhar tal-laqgha kien hemm zewg membri tal-pubbliku li kienu prezenti u ghal hekk kellha ssir din il-korrezzjoni. Dawn huma Emanuel Agius u Raymond Mifsud.

Is-Sindku Sarah Agius ipproniet li l-minuti ta' Laqgha numru 10 jigu approvati, kif mressqa. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina.

Ittiehed vot.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Kunsilliera Vernalise Bartolo, Clive Azzopardi, Chris Bongailas, Philip Said, Roderick Aquilina, Kevin Glynn, u George Cortis.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet: il-Vici-Sindku Alfred Grixti

Il-Minuti gew approvati ( 52 ).

### 1.2 Approvazzjoni u Korrezzjoni tal-Minuti ta' Laqgha 12

Is-Sindku Sarah Agius ressqet il-minuti ta' din il-laqgha ghall-vot. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Ittiehed vot.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Vernalise Bartolo, Clive Azzopardi, Chris Bongailas, Philip Said, Kevin Glynn, u George Cortis.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet: il-Kunsillier Roderick Aquilina

Il-Minuti gew approvati (53).

Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li f'punt numru 5, it-talba li kien ghamel originarjament kienet li huwa talab lis-Sindku sabiex ticcekja mat-TM dwar il-procedura tal-kaxxa s-safra.

## 2. Affarijiet li johorgu mill-Minuti

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li saret l-applikazzjoni min-naha tal-Perit tal-Kunsill dwar l-istatwa ta' San Guzepp. Minn korrispondenza li rcieva l-Kunsill, dan it-tibdil ghandu jsir taht applikazzjoni ghal DNO.

2.2 Is-Sindku Sarah Agius qalet li Milied Zebbugi ma kinitx attivita hazina. Meta l-Kunsill sena ohra jerga' jaghmel attivita' simili, jehtieg li jzid ir-reklamar. Il-Kazini tal-baned kienu kollha sodisfatti. Is-Sindku xtaqet tirringrazzja lill-Kazini kollha ghall-partecipazzjoni taghhom.

L-ispejjez kollha relatati ma' din l-attivita gew kollha koperti mill-isponsors. Dawn huma l-isponsors:

RCV – il-palk

Dipartiment Kunsill Lokali, V 18, MTA – Eur1500

Victor Borg – Eur300

Philip Seguna – Eur200

WM Environmental – Eur200

Raymond Calleja – Eur200

Vodafone – Eur100

C & V Aquilina – Eur50

Charles Darmanin – Eur50

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li SMW Cortis ikkommettew li jaghtu Eur300 sponsor, liema ammont ghadu ma wasalx.

L-ammont li ngabar b'rizq Puttinu Cares huwa ta Eur279.

Il-Kunsillier George Cortis qal li l-Presepju ghal din is-sena nbena bil-partecipazzjoni tieghu u ta'zewg haddiema tal-Kunsill. Huwa qal ukoll li sabiex ikun jista jsir is-saqaf tal-kamra li nbniet huwa ta 6 plywood shah.

Is-Sindku Sarah Agius irringrazzjat lill-Kunsillier George Cortis ghal dan ix-xoghol volontarju. Hija rringrazzjat ukoll lil C & V Aquilina u lill-Attrans ghall-kontribut li taw sabiex din l-attivita' seghet tittella'.

Il-Vici-Sindku qal li milli seta' jara hu, din l-attivita kienet ta' success.

2.3 Is-Sindku Sarah Agius qalet li l-bank ta’ fejn id-Donut Factory rega’ mexa ghal fejn kien originarjament. Is-Sindku qalet li l-Kunsill iddecieda li dan il-bank ghandu jerga jitwahhal fejn kien fil-bidu, minhabba li kien hemm terzi li qeghdin igergru.

2.4 Is-Sindku Sarah Agius qrat il-korrispondenza li ntbaghtet mill-Bord tal-Ismijiet tat-Toroq, liema korrispondenza tghid li l-ismijiet li gew accettati huma dawn:

Triq J.P Vassallo

Triq Karmen Micallef Buhagiar

Triq Filippu Grech

Triq Mro Filippo Galea

Triq Michael Debono

Triq Pinu Mifsud

Il-Bord ma qabilx li tissemma triq ghal Dun Piju Farrugia, izda minflok tinghata l-isem ta’ Triq is-Santwarju tal-Qalb ta’ Gesu, filwaqt li ma qabilx ukoll li tissemma triq ghal Francesca Schembri izda minflok tissemma Triq il-Qabla. Il-Bord ma qabilx li jinghataw ismijiet ghal Dun Guzepp Bonanno u Patri Filippo Cascun.

2.5 Is-Sindku Sarah Agius qalet li dakinhar stess filghodu kien hemm laqgha dwar it-trasport pubbliku fejn inghatat spjegazzjoni dwar ir-rotot il-godda ta’ tal-linja. Ir-rotta li ser ikun hemm tibdil fiha hija l-109, li ser tibqa tidhol biss sa’ Triq Sciortino. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li aktar ‘il quddiem ser ikun hemm laqgha mal-Ministru Mizzi fejn ser jigi diskuss x’mhux qed jiffunzjona fis-sistema l-gdida.

2.6 Is-Sindku Sarah Aqius qalet li wasal iz-zmien li tinhareg leaflet tal-Kunsill Lokali, fejn isservi ta’ ntroduzzjoni u jinghata rendikont finanzjarju.

2.7 Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni talba li saret minn resident li qed jghid li r-rampi tal-garaxxijiet li ghandu fit-triq qeghdin izommu l-ilma. Huwa qed jitlob li sabiex din il-problema tittaffa, tinqala t-triq. Il-Kunsillier George Cortis qal li jehtieg li xi hadd imur fuq il-post sabiex wiehed jara x’jista jsir.

2.8 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Gimgha 4 ta' Dicembru 2015, persuna li giet thallas xi citazzjonijiet gewwa l-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug, ghamlet storbju shih kif ukoll intqal dagha u kliem dispregattiv fil-konfront taghha fil-kapacita taghha ta' Segretarju Ezekuttiv u tal-haddiema klerikali li kienu prezenti. Minhabba li din il-persuna, bdiet tistieden ghall-glied lis-Segretarju Ezekuttiv u semmiet anke qraba taghha, ma kien hemm l-ebda ghazla hlief li jissejhu l-Pulizija fuq il-post bl-intenzjoni li jsikktu lil din il-persuna. Malli l-Pulizija waslu fuq il-post, ingibdet l-attenzjoni li l-Pulizija ser tipprocedi bil-Qorti minhabba li s-Segretarju hija Ufficjal Pubbliku u l-Ufficju tal-Kunsill huwa wiehed pubbliku. Is-Segretarju Ezekuttiv kompliet tghid li l-Kunsilliera kollha gew infurmati b'dan l-incident.

2.9 Is-Sindku Sarah Agius qrat ittra mibghuta lill-Kunsill mill-Arcipriet fejn huwa talab laqgha mal-Kunsill. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa wkoll kien avvicinat mill-Arcipriet fejn dan irrakontalu x'kien intqal minn wiehed mill-persuni involuti fl-organizzar ta' Milied Zebbugi. Il-Kunsilliera Vernalise Bartolo qalet li hija kienet prezenti waqt din il-laqha nformali u fl-ebda hin ma kien hemm l-intenzjoni minn hadd li jitwassal messagg negattiv. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hija semghet il-konversazzjoni li Robert Tabone kellu meta huwa kien cempel lill-Arcipriet. Meta l-Arcipriet gie mitlub jsellef lill-Kunsill dawl mit-3 phase, l-Arcipriet qal li ma jixtieqx johloq precedent vis-à-vis l-kazini l-ohra u ghaldaqstant huwa qal li ma jistax jaghti din l-ghajnuna. Robert Tabone ghamel accenn ghall-fatt li kien James Brincat li ssugerixxa li jistaqsi lill-Arcipriet ghad-dawl mit-3 phase.

2.10 Is-Sindku Sarah Agius semmiet li fi Triq Frans Sammut meta taghmel ix-xita, ikun hawn kwantita ta' ilma. Minn informazzjoni li ghandha jidher li hawn xi culvert li kien sar meta saret it-triq u li gie mghotti bit-tarmac. Hija talbet lill-Perit Bongailas sabiex jigi ccekjat jekk dan il-culvert huwa mqabbad ma' gibja li hawn vicin il-Kunsill, halli filkaz isir dak li hemm bzonn sabiex jigi mqabbad.

2.11 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret li sabiex il-Vici Sindku Alfred Grixti jkun jista jattendi ghas-seduti tal-Arbitragg li hemm ghaddejjin bhalissa bejn Bonnici Bros. u l-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug, hemm bzonn li l-Kunsill jghaddi rizoluzzjoni . Kien hemm qbil unanimu li l-Vici Sindku Alfred Grixti jirraprezenta lill-Kunsill flimkien mas-Sindku Sarah Agius u mas-Segretarju Ezekuttiv, Paula M. Valletta. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti astjena minn dan il-vot.

## 3. Vot tal-flus

3.1 Gie mressaq il-vot tal-flus. Gie maqbul li tintalab aktar nformazzjoni dwar l-ammont li hemm dovut lill-Peppin Transport.

3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill dwar ftehim li ser jigi iffirmat minnha u mis-Sindku dwar pendenzi li hemm dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni dwar 2011, 2012 u 2013. Dan il-ftehim jghid li l-ammont dovut huwa ta' Eur52,730.23, mill-ammont originali ta Eur61,870.07 li jinkludi l-penali kollha relatati mad-dewmien fil-hlas. Il-ftehim jghid ukoll li dan l-ammont irid jithallas fi zmien sentejn sabiex ikun hemm it-tnaqqis fil-penali.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li l-impressjoni li dejjem inghata mis-Segretarju Ezekuttiv ta' qabel, kienet li l-ammont tal-pagi ikun dejjem mfaddal, li ghalih kien ifisser li qed jigi mfaddal il-Gross Pay flimkien mal-10% sehem il-Kunsill mill-bolla. Pero jirrizulta li kull ma kien qed jigi mahsub ghalih kien l-ammont tan-net pay.

3.3 Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li s'issa ghad ma rcieva l-ebda nformazzjoni dwar il-process tal-ghazla dwar il-kuntratturi tal-knis. Is-Segretarju Ezekuttiv poggiet fuq il-mejda korrispondenza li ilha ghaddejja mill-ahhar ta' Ottubru mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali dwar ir-rati li ghandhom jithallsu bihom il-kenniesa tat-toroq. L-ahhar korrispondenza tghid li din ir-rata ghad trid tinhadem. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li jehtieg ukoll li tibda l-preparazzjoni ghat-tender tal-gbir tal-iskart.

3.3 Wara li saret diskussjoni ittiehed vot. I**l-Kunsilliera Vernalise Bartolo qalet li ser tastjeni minn item 2 u 7 filwaqt li s-Sindku Sarah Agius qalet li ser tastjeni minn item 53**. Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-vot jigi approva kif prezentat. Il-Vici Sindku Alfred Grixti issekonda.

Ittiehed vot.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Vici Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Vernalise Bartolo, Clive Azzopardi, Chris Bongailas, Philip Said, Kevin Glynn, u George Cortis.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet: il-Kunsillier Roderick Aquilina

Il-vot gie approvat.(54)

## 4. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

4.1 Il-Kunsillier George Cortis qal li huwa haseb f'mod kif il-kunsill jiggenera xi flus permezz ta' reklamar. Dan billi jsir hadid mal-bankini fejn ikunu jistghu jsiru pjanci tal-hadid bir-reklamar fuqhom.

Is-Sindku Sarah Agius qalet li ser ticcekja ma-TM biex tara ezattament x'ghandu jsir. Il-Kunsillier Roderick Aquilina ssekonda l-proposta tal-Kunsillier George Cortis. Kien hemm qbil unanimu ma' din il-proposta. ( 55 )

## 5. Aggornament

Il-laghqa ntemmet fit-8.10pm. Il-laqha li jmiss hija ghall-13 ta' Jannar 2016 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |